C/2025/4231

28.7.2025

Avviż għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK, kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1558 u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012, kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1559 dwar miżuri restrittivi diretti kontra l-Iran

(C/2025/4231)

L-informazzjoni li ġejja qed tingħieb għall-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet dežinjati fl-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/413/PESK [1] kif emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2025/1558 [2] u fl-Anness IX tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 267/2012 [3], kif implimentat bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2025/1559 [4] dwar miżuri restrittivi diretti kontra l-Iran.

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, wara li rrieżamina l-lista tal-persuni u l-entitajiet dežinjati attwalment fl-Annessi msemmija hawn fuq, iddetermina li jenħtieġ li l-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni 2010/413/PESK u fir-Regolament (UE) Nru 267/2012 ikomplu japplikaw għal dawk il-persuni u l-entitajiet.

Qed tingħibed l-attenzjoni tal-persuni u l-entitajiet ikkonċernati għall-possibbiltà li jressqu applikazzjoni quddiem l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat(i) Membru/i rilevanti kif indikat fis-siti web fl-Anness X tar-Regolament (UE) Nru 267/2012, sabiex tinkiseb awtorizzazzjoni biex jintużaw fondi ffriżati għal ħtiġijiet bażiċi jew ħlasijiet speċifiċi (ara l-Artikolu 26 tar-Regolament).

Il-persuni u l-entitajiet ikkonċernati jistgħu jressqu talba quddiem il-Kunsill **qabel l-1 ta' Jannar 2026,** flimkien ma' dokumentazzjoni ta' sostenn, li d-deċiżjoni li tinkludihom fil-lista msemmija hawn fuq jenħtieġ terġa' tiġi kkunsidrata, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
Belgique/België
Email: sanctions@consilium.europa.eu

---

[1] ĠU L 195, 27.7.2010, p. 39.
[2] ĠU L, 2025/1558, 28.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2025/1558/oj.
[3] ĠU L 88, 24.3.2012, p. 1.
[4] ĠU L, 2025/1559, 28.7.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2025/1559/oj.